15 ta' Dicembru, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Farrugia *versus* Lorenza Ciantar et.

## Immissjoni fil-Pussess Salvjan.

*Il-kreditur li jitlob li jiġi immess fil-pussess salvjan tal-beni tad-debitur tiegħu ma għandux bżonn jipprova l-anterjorità tal-kreditu tiegħu kontra d-debitur.*

*Huwa veru li l-kreditur anterjuri ma għandux jiġi pospost għall-kreditur posterjuri; u huwa wkoll veru li mhux leċitu għall-kreditur ipotekarju li jkun ġà ġie immess in salvjan jeċċepixxi l-eskussjoni lil kreditur ieħor anterjuri li jkun qiegħed jitlob l-istess eskussjoni permezz ta' l-immissjoni fil-pussess salvjan; imma dana ma jfissirx illi, meta ma jikkonkorrux diversi kredituri bejniethom, il-kreditur ipotekarju li jagixxi ġudizzjarjament għall-immissjoni*

*fil-pussess salvjan ma jistax jottjeni dik l-immissjoni sakemm ma jipprovax li ma hemmx kredituri li għandhom dritt aqwa minn tiegħu li ma eżerċitawx dak id-dritt fuq il-beni tad-debitur.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni u magħmula kull dikjarazzjoni meħtieġa, stante l-mewt tad-debitur, tiġi awtorizzata minn dina l-Qorti l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' self li sar bejn l-attur u l-imsemmi mejjet Michele Ciantar fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tas-26 ta' Mejju 1950 (dok. A), għall-oġġett li l-instanti jottjeni l-ħlas ta' l-imgħax bir-rata tal-5% fis-sena fuq il-kapital ta' £700 hemm stipulati, dovuti l-imgħax mill-ġurnata ta' l-att bis-sitt xhur b'lura; jiġi minn dina l-Qorti ordnat li l-attur, bħala kreditur ipotekarju (dok. B) tal-konvenuti nomine, jiġi immess fil-pussess salvjan tal-postijiet ta' pertinenza ta' l-istess konvenuti nomine—"Doris", "Agnes", "Mary" u "Teresa" ta' Victoria Avenue, Ħamrun, u tad-dar Toni Bajjada Street, San Pawl il-Baħar, li tinsab attwalment mikrija lill-Maġistrat Dottor Soler—għalbiex l-instanti jottjeni l-garanzija tal-ħlas effettiv ta' l-imgħaxijiet imsemmijin, skaduti u li għad jiskadu, fuq il-kapital imsemmi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Settembru 1951 u ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Settembru 1951, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi dwar it-tieni talba, għall-immissjoni "in salviano" tal-postijiet imsemmija għall-eżekuzzjoni ta' l-imgħax dovuti bil-kuntratt imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, il-konvenuti eċċepew li l-attur għandu jipprova li huwa ma għandux kredituri privileġġjati u ipotekarji anterjuri għalih sabiex ikun immess fil-pussess salvjan ta' l-immobili tal-kreditur tiegħu; u sabiex jirrafforzaw l-argument tagħhom iċċitaw is-sentenza tal-Prim'Awla Ċivili tat-12 ta' Novembru 1913 in re "Galea utrinque", publikata fil-Volum XXII, P. II, paġ. 144;

Illi t-teżi tal-konvenuti, fis-sens li l-attur, sabiex jottjeni l-immissjoni in pussess tal-fondi imsemmija, għandu jipprova l-anterjorità tal-privileġġ u ipoteka tiegħu kontra d-debitur, hija inkorretta; u s-sentenza ċitata ma tgħidx dak li l-konve-

nuti qalu li jsostnu. Tabilhaqq, il-beni tad-debitur huma l-komuni garanzija tal-krédituri tiegħu, li għandhom kollha dritt ugwali bil-mezz ta' l-immissjoni in pussess f'beni immobiljari jottjenu l-pagament tal-kreditu tagħhom, ammenokkè bejn l-istess krédituri ma jkunx hemm xi kawża leġittima ta' prelazzjoni;

Illi minn dana jiddixxendi legalment, in omaġġ għall-prinċipju "prior in tempore potior in jure", illi l-kreditur anterjuri ma għandux jiġi pospost għall-kreditur posterjuri (ara sentenza fuq ċitata), u li mhux leċitu għall-kreditur ipotekarju li jkun diġà ġie immess fil-pussess in salvjano jeċċepixxi l-eskussjoni lil kreditur ieħor ipotekarju anterjuri li jkun qiegħed jitlob l-istess eskussjoni per mezz ta' l-immissjoni in salvjano (ara Prim'Awla Ċivili 14 ta' Marzu 1879 "Antonio Vella vs. Giuseppe Schembri et.", Vol. VIII. paġ. 731). Anzi ġie deċiż, in omaġġ għall-prinċipju li l-kreditur b'ipoteka anterjuri għandu dritt li jiġi immess in salvjano fil-beni tad-debitur bi preferenza tal-kreditur posterjuri, li l-kreditur ipotekarju anterjuri jista' jiddispossessa lill-kreditur posterjuri li jkun diġà immess, sabiex alla sua volta jkun huwa stess immess f'loku (ara Prim'Awla Ċivili 28 ta' Frar 1876 in re "Angelo Azzopardi et. vs. Marianna Buhagiar et.", Vol. VII. paġ. 535);

Illi kwindi, meta ma jikkonkorrux diversi krédituri bejniethom, il-kreditur ipotekarju li jadixxi l-Qorti ġudizzjarjament għall-immissjoni in salvjano, għandu d-dritt jottjeni li t-talba tiegħu tkun milqugħa, sakemm min għandu dritt aqwa minnu ma jkunx eżerċita dak id-dritt tiegħu fuq il-ħwejjeġ tad-debitur komuni, u li huma l-garanzija tal-krédituri kollha;

*Omissis;*

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-eredità ġjaċenti msemmija.

---

**Tmiem tat-Tieni Parti
tal-Volum XXXV.**

---